# IT-TLETT XADINI



Xadina kienet tghix kuntenta ma’ tnejn ohra, hbieb taghha fuq sigra. Kienu jaqblu hafna ma’ xulxin sakemm jum wiehed wahda mix-xadina ghebet. It-tnejn l-ohra kienu konfuzi u ma kienux jafu x’ser jaqbdu jaghmlu. Ix-xadina li ghebet qatt ma qalet xejn li ser titlaq. Anzi ghal kuntrarju dejjem kienet tghid kemm hi haga sabieha li jghixu flimkien li jaqblu f’kollox u li qatt ma ggieldu.

L-ghada t-tieni xadina ghebet ukoll u x-xadina li baqghet fis-sigra sewdet qalbha hafna. Kienet preokkupata hafna fuq x’seta’ gralhom.

Hanzir selvagg kienet ghaddej biswit is-sigra u meta ra xadina wahda ghajjat: “ Xadina, fejn huma shabek?”

Ix-xadina ma wegbitx ghaliex tant kienet qalbha sewda li minn dak in-nhar li ghebu shabha ma lissnitx kelma wahda biss. Il-hanzir dahalhu suspett f’mohhu li x-xadina setghet qatlet lil shabha, imma ma tkellem xejn u baqa’ sejjer.

Ghasfur bir-rix kollu kuluri strah fuq is-sigra qrib u staqsa lix-xadina ghal shabha, izda din anqas biss wiegbet.

L-ghasfur mar jirraporta lir-re ta' l-annimali dak li ra.  Huwa ra lil hanzir selvagg kien diga' ghamel dan.

L-iljun kien ihobbhom hafna lil annimali tal-foresta u kien jipprotegihom minn kull periklu. Huwa gabar iljuni ohra, panteri u tigri biex jippruvaw inizzlu lix-xadin mis-sigra. Sahansitra gab mieghu xi gorilli ohra biex jekk ix-xadina ma tinzilx bis-sewwa jkollha tinsel bid-dnewwa. Meta waslu x-xadina baqghet siekta.

Ghajtluha, izda ix-xadina baqghet fejn kienet. Meta ra hekk, l-iljun baghat lill-gorilli biex inizzlu x-xadina minn fost il-frieghi fejn kienet qed titkellem wahedha.

"X'ghandek tghidlna?" qallilha l-iljun.

Imma x-xadina baqghet titkellem wahedha. Fil-verita' kienet qed titlob biex shabha jigu lura qawwija u shah.

"Ma tafx tghidilna kif ghebu shabek?"

Ix-xadina wiegbitu: " Ma nafx, sa fejn naf jien ma ghamilthom xejn. Forsi ghidt xi kliem li hadu ghalihom u harbu? Min jaf? Forsi ghandi xi htija."

"Smajtuha?" intervenja l-ghasfur kollu rix ikkulurit.

"Iva hatja," kompla l-hanzir selvagg.

Ix-xadina ixxokjat ruhha b'dak li semghet u bdiet titkellem wahedha ghal darb'ohra. L-annimali l-ohra li kienu prezenti qiesu dan l-agir ta' xadina bhala wiehed ta' genn. Sadanitant beda' jingabar is-shab u bdiet niezla x-xita u xi sajjetti u rghad bdew jinstemghu fil-boghod.

" Tajjeb noqtluha qabel niehdu xi tixriba kbira," ghajtet il-pantera.

Ix-xadina tant kienet mitlufa titkellem wahedha li anqas biss semghet bil-kundanna taghha.

Sajjeta faqqet fil-vicin u qactet fergha' kbira mis-sigra. L-iljun ordna li ilkoll jmorru jfittxu kenn.

Kif ilkoll kien qed jigru 'l hawn u 'l hemm biex isibu kenn tigra sabet ix-xadini, li kienu maqbuda go bir u ma setghux jitilghu minnu.

Ix-xita li nizlet bil-qliel, fawret il-bir u l-ilma tella' lix-xadini fil-wicc u hekk setghu johorgu mill-habs li nqabdu fih.

X'kien gara ezattament?

L-ewwel xadina marret tfittex l-ikel u zelqet fil-bir vojt u ma setghitx titla' minnu. L-ghada meta x-xadina l-ohra rat li habibitha ma gietx lura, marret tfittixha u sabitha maqbuda fil-bir. Ghamlet li setghet biex ittelghha, izda tilfet il-bilanc u waqghet go bir. Sabet ruhha puguniera hija wkoll..........sakemm gara li gara u salvaw.

L-annimali kollha skuzaw ruhhom, li hasbu hazin fl-ewwel xadina. Ix-xadina issa kienet ferhana li mill-gdid sabet lil shabha u lil annimali l-ohra hafritilhom kollha.

**Kemm-il darba sibna ruhna bhal l-ewwel xadina f'xi saram jew problema u Alla helsina ghax afdajna fih u anke tlabnih b'fidi kbira ghax emmina li Huwa jista' kollox? Ghalih xejn ma hemm li ma jistax isir.**

**Jew forsi kien hemm xi drabi li hsibna hazin fil-proxxmu taghna. Jekk inhuwa hekk nitolbu lill-Mulej Alla jahfrilna.**